# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2001**

**Numru 28**

**Cit. Nru. 1637/01(F1) GCD**

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**J.D.R. Mifsud Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta skond 17-il kambjala (Nru. 012 sa 028) tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tmint elef, erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm8,449.85);

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont;

U illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu ta' l-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'taghmel f'din il-kawza.

Talbet illi din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm8,449.85) dovuti skond kambjalijiet kif fuq intqal flimkien mal-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza u dana ghar-ragunijiet premessi, bid-dispens tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 2001 u ta' mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Louis Bianchi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum

stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm